## Tribunal Industrijali
### Decizjoni Numru 1671

Kaz Numru 2241AD

Fil-Kwistjoni tax-xoghol

bejn

Josianne Saliba

u

Bortex Clothing Industry Company Limited
Dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hija ingiusta

Data: 9 ta' Frar 2006

Chairperson: Av. Dr. Audrey Demicoli

**Introduzzjoni**

Dan il-Kaz gie riferit lit-Tribunal mill-appellanti Josianne Saliba permezz ta' rikors prezentat fil-21 ta' Dicembru 2004 fejn hija sostniet li t-tkeccija taghha mill-impjieg mas-socjeta' intimata ma saritx ghal raguni valida u skond il-ligi. Is-socjeta' intimata min-naha l-ohra sostniet li hija kienet itterminat l-impjieg tal-appellant ghal raguni valida u sufficjenti skond il-ligi, u cioe' minhabba ragunijiet dixxiplinari konsistenti f'nuqqas ta' efficjenza. It-Tribunal ha konjizzjoni tad-Dikjarazzjonijiet tal-Kaz prezentati miz-zewg partijet, zamm tmien (8) seduti fejn sema' l-provi prodotti miz-zewg nahat kif ukoll it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri taghhom.

**Fatti tal-Kaz.**

Mill-provi rrizulta li fis-17 ta' Marzu 1992 l-appellanti kienet giet impjegata bhala *machine operator* mas-socjeta' Sandpiper Limited. L-imsemmija socjeta' kienet affiljata tas-socjeta' intimata u meta fl-2002 Sandpiper Limited waqfet l-

operat taghha l-appellanti giet trasferita fi hdan is-socjeta' intimata. Ma' Sandpiper Limited l-appellanti kienet taghmel xoghol ta' *trimmer* u rrilzuta li fil-perijodu li hija ghamlet tahdem mal-imsemmija socjeta' inghatat diversi *warnings* minhabba l-livell ta' efficjenza taghha (ara Dok. BCIL 6 sa Dok. BCIL 11 annessi mad-Dikjarazzjni tal-Kaz tas-socjeta' intimata). Dawn il-*warnings* kollha kienu jirrigwardaw il-livell ta' efficjenza fil-produzzjoni tal-appellanti. Meta Josianne Saliba giet trasferita fi hdan is-socjeta' intimata hija kienet taghmel ix-xoghol ta' *operator set in sleeves* izda hija ma bdietx ittella l-livell ta' produzzjoni rikjest mis-socjeta' imtimata u ghalhekk fuq talba taghha stess hija inghatat mansjonijiet ohra fil-linja ta' l-hjata. Irrizulta li l-livell ta' efficjenza tal-appellanti fil-linja ta' produzzjoni xorta wahda baqa' ma jlahahqx il-livell stabbilit mis-socjeta' intimata u ghalhekk hija intbaghtet tahdem fil-*pressing room* fejn kienet taghmel xoghol *ta' iron lining* izda anki f'dan id-dipartiemnt l-appellanti inghatat dviersi *warnings* minhabba n-nuqqas ta' efficjenza. Il-*warnings* kollha moghtija lill-appellanti gew debitament esebiti mis-socjeta' intimata mad-Dikjarazzjoni tal-kaz taghha (Dok. BCIL 12 sa Dok. BCL 18). Ghal din ir-raguni l-impjieg tal-appellanti gie terminat fis-16 ta' Novembru 2004.

**Konsiderazzjonijiet**

L-appellanti ssostni li hija kienet ilha tlettax il-sena impjegata mas-socjeta' intimata u tul is-snin dejjem kellha imgieba tajba, kienet korretta f'xogholha u kienet wahda mill-ahjar haddiema. Hija tghid ukoll li fix-xoghol tal-*pressing room* kien ferm difficli li zzomm il-livell ta' efficjenza fil-produzzjoni u ssostni li dan ix-xoghol ma kienx il-proprju xoghol taghha ghaliex hija kienet giet impjegata bhala *machine operator*. Hija ssostni li kien biss recentement li inghatat warning dwar il-livell ta' efficjenza fil-produzzjoni.

Mil-provi prodotti mis-socjeta' intimata rrizulta amojament li l-appellanti dejjem kellha problemi sabiex tlahhaq mal-livelli ta' efficjenza stabbiliti mis-socjeta' intimata u l-*warnings* moghtija lilha tul is-snin f'dan ir-rigward huma l-ahjar prova ta' dan. Is-socjeta' intimata spjegat b'mod ezawrjenti il-mod kif jigu stabbiliti dawn il-livelli ta' efficjenza u rrizulta li dawn isiru b'mod xjentifiku u bi qbil mal-Union li tkun qed tirrapprezenta il-haddiema (ara xhieda ta' Roberto Cristiano). Dan l-imsemmi

xhud ikkonferma wkoll li l-Collective Agreement kien jippermetti li jinhargu *warnings* minhabba nuqqas ta' efficjenza u li tali *warnings* setghu iwasslu ghal tkeccija.

Il-*warnings* moghtija lill-appellanti mis-socjeta' intimata kienu dejjem jirrigwardaw il-livell ta' efficjenza taghha u s-socjeta' intimata ikkonfermat dak sostnut mill-apellanti fis-ens li hija kienet impjegata korretta u li qatt ma kellha problemi ohra mas-socjeta' intimata salv dawk ta' nuqqas ta' efficjenza.

It-Tribunal ezamina bir-reqqa ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz u jidhirlu li s-socjeta' intimata ghamlet l-ghalmu tagha sabiex tipprova tirrimedja ghan-nuqqasijiet tal-appelanti fis-sens li hija giet trasferita ghal aktar minn darba f'dipartimenti differenti u dan sabiex l-istess appellanti tinghata l-opportunita' li tezercita l-abilitajiet taghha f'mansjonijiet differenti. Kif inghad aktar il-fuq mill-provi irriuzlta inekwivookabilment li l-appellanti kellha diffikultajiet kbar sabiex tlahhaq il-livell ta' efficjenza stabbilit mis-socjeta' intimata f'kwalsiasi dipartiment li tpoggiet tahdem fih. It-Tribunal jidhirlu li s-socjeta' intimata kienet ghalhekk gustiifkata li tittermina l-impjieg tal-appellanti minhabba nuqqas ta' efficjenza ghaliex kien pjuttost evidenti li l-istess appellanti ma kienitx maqtugha ghal dak ix-xoghol. L-appellanti inghatat kull oportunita' sabiex tipprova l-abilitajiet u l-kapacitajiet taghha fid-diversi stadji tal-produzzjoni tal-operat tas-socjeta' intimata izda gie pruvat li li hija naqset milli tirranga jew tirrimedja n-nuqqasijiet riskontrati fl-operat taghha in kwantu jirrigwarda efficjenza u ghalhekk is-socjeta' intimata ma kellha ebda triq ohra hlief li tittermina l-impjieg tal-appellanti. Dan kollu jinghad ukoll fid-dawl tal-fatt li fis-settur li topera fih is-socjeta' intimata il-livell ta' efficjenza tal-impejgati fil-linja ta' produzzjoni huwa fattur krucjali u determianti ghall-operat taghha.

**Decizjoni**

Ghar-ragunijet hawn fuq premessi t-Tribunal jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellanti da parti tas-socjeta' intimata saret ghal raguni gjusta u skond il-ligi.

Ghall-iskopijiet tal-Avviz Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista liil-partijiet fl-ammont ta' Lm40.00 kull wiehed.

**Dr. Audrey Demicoli**
**Chairperson**

Vera kopja

Mary Rose Galea
Ghas-SEGRETARJU